



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tat-8 ta' Marzu 2018 – Cinkciarz.pl vs EUIPO (€\$)

(Kawża T-665/16)

“Trade mark tal-Unjoni Ewropea - Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea €\$ - Raġunijiet assoluti għal rifjut - Assenza ta' karattru distintiv - Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) - Karattru deskrittiv - Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament 2017/1001) - Obbligu ta' motivazzjoni - Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 94 tar-Regolament 2017/1001)”

1. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea - Dispożizzjonijiet proċedurali - Motivazzjoni tad-deċiżjonijiet - L-ewwel sentenza tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 - Portata identika għal dik tal-Artikolu 296 TFUE*

(Artikolu 296 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 75)

(ara l-punti 15, 32)

2. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea - Definizzjoni u kisba tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea - Raġunijiet assoluti għal rifjut - Eżami separat tar-raġunijiet ta' rifjut fir-rigward ta' kull wieħed mill-prodotti jew servizzi msemmija fl-applikazzjoni għal reġistrazzjoni - Obbligu ta' motivazzjoni tar-rifjut ta' reġistrazzjoni - Portata*

(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1) u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 75)

(ara l-punti 16-20)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Lulju 2016 (Każ R 2086/2015-5), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal €\$ bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-14 ta' Lulju 2016 (Każ R 2086/2015-5) hija annullata.
- 2) L-EUIPO huwa kkundannat għall-ispejjeż.